


3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

**À PEINE J'OUVRE LES YEUX**
**(*HEKK KIF NIFTAĦ GĦAJNEJJA*)**
Leyla Bouzid
Franza, it-Tuneżija, il-Belġju,
l-Emirati Għarab Magħquda

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

10 years

Parlament Ewropew

# À PEINE J'OUVRE LES YEUX
## *Hekk kif niftaħ għajnejja*







**FILM TA' LEYLA BOUZID**

Tuneż, fis-sajf tal-2010, ftit xhur qabel ir-rivoluzzjoni, Farah, ta' 18-il sena, għaddiet mill-eżamijiet tal-matrikola u l-familja tagħha diġà qed jimmaġinawha tabiba... iżda hi l-affarijiet ma tarahomx bl-istess mod.

Hija tkanta ma' grupp ta' mużika rock impenjati politikament. Hija tgħix, tisker, tiskopri l-imħabba u l-belt tagħha billejl, kontra r-rieda ta' ommha Hayet, li taf tajjeb lit-Tuneżija u l-projbizzjonijiet tagħha.

Madankollu s-sitwazzjoni tikrieh għal Farah meta l-grupp żgħir jiddeċiedi li jdoqqu fil-kafeteriji tal-belt kapitali, fejn hi, mingħajr ma żżomm lura, tħalli lilha nnifisha taqta' l-għatx tagħha għal-libertà u l-kilba li tgħix. Ommha, Hayet, malajr tiġi mwissija dwar l-imġiba deboxxjata tagħha f'postijiet riżervati għall-irġiel, u tipprova ġġegħilha tirraġuna. Kollu għalxejn. Bejn ir-ribelljoni u bejn li mhix konxja mis-sogru li qed tieħu fit-Tuneżija awtoritarja ta' dak iż-żmien, Farah tinsisti li xxandar il-messaġġ sovversiv ta' Borhène, is-sieħeb tagħha u l-leader tal-grupp, u permezz tiegħu, it-tamiet ta' ġenerazzjoni ta' żgħażagħ.

### IL-KUNTEST

Huwa sinjifikattiv li Leyla Bouzid tambjenta l-azzjoni tal-film ftit xhur biss qabel ir-rivoluzzjoni Tuneżina li kellha timmarka l-bidu tar-Rebbiegħa Għarbija, moviment kbir ta' emanċipazzjoni multinazzjonali li huwa l-frott, fost l-oħrajn, ta' ċaħda tar-reġimi awtoritarji stabbiliti, inugwaljanzi soċjali profondi, kriżi ekonomika qawwija u rata ta' qgħad għolja ħafna fost iż-żgħażagħ. Fit-Tuneżija, is-sentiment ta' għeluq u ta' inġustizzja tagħhom jinħass aktar għax 42 % tal-popolazzjoni għandha inqas minn ħamsa u għoxrin sena, b'livell ta' edukazzjoni pjuttost għoli u b'attakkament ovvju għall-valuri lajċi. Jekk għadd ta' pajjiżi Għarab milquta mir-rivoluzzjonijiet wara esperjenzaw it-tlugħ fil-poter ta' movimenti Iżlamisti, b'konsegwenzi li nafuhom tajjeb, it-Tuneżija min-naħa tagħha rnexxielha tasal għal transizzjoni demokratika ġenwina. Minkejja s-suċċessi elettorali tal-bidu, l-Iżlamisti finalment ma jiħdux il-poter, u f'Jannar 2014, il-pajjiż jadotta Kostituzzjoni ġdida.

Ħames snin wara, Leyla Bouzid tmur lura għar-rivoluzzjoni Tuneżina waqt li tikkristalizza madwar il-personaġġi prinċipali l-isfidi u l-fatturi li wasslu għar-rivoluzzjoni: ċittadini żgħażagħ li ġejjin minn ambjent pjuttost tajjeb, b'edukazzjoni tajba u b'kilba kbira għal-libertà (Farah u sħabha), klima ta' oppressjoni u sorveljanza tipika ta' stati pulizjeski (l-arrest ta' Borhène u mbagħad ta' Farah), il-korruzzjoni tal-uffiċjali (meta Farah tgħib, Hayet tħallas lill-pulizija biex dan jibda jinvestiga), il-piż tas-soċjetà tradizzjonali u l-valuri xovinisti (il-ħars tal-irġiel lejn Hayet, b'mod partikolari meta din tmur tfittex lil Borhène fil-kafeterija dakinhar li bintha tgħib)...

Fil-kuntest tal-attakki terroristiċi ta' wara r-Rebbiegħa Għarbija li seħħew waqt il-ġbid tal-film, *A peine j'ouvre les yeux (Hekk kif niftaħ għajnejja)* jagħti lok, mingħajr ma jsemmi l-kwistjoni b'mod dirett, għal riflessjoni dwar l-effetti mhux mistennija ta' revoluzzjoni li finalment wittiet it-triq għal Iżlamiżmu konservattiv li fis-soċjetà Tuneżina tal-2010 kien ilu li ngħata l-ġenb. U jekk il-film ta' Leyla Bouzid jittratta t-tamiet ta' ġenerazzjoni, jittratta wkoll b'mod inċiżiv, b'ommissjoni iżda b'qawwa, l-illużjonijiet mitlufa u l-biżgħat attwali tagħhom. F'dan is-sens, il-film jista' jiġi interpretat bħala stedina diskreta ta' qawmien ta' kuxjenza politika u għal xi forma ta' mobilizzazzjoni intellettwali,







m'għandux jonqos li jħeġġeġ riflessjoni dwar kwistjonijiet kruċjali bħall-importanza li jitħarsu l-libertajiet u l-valuri li fuqhom huma msejsa s-soċjetajiet demokratiċi.

## FARAH U HAYET: IR-RELAZZJONI BEJN L-OMM U BINTHA FIL-QALBA TAL-FILM

Lil hinn minn deskrizzjoni kommoventi ħafna tar-relazzjoni bejn l-omm u bintha, il-film ta' Leyla Bouzid jippermetti li jitkejjel, permezz ta' dawn iż-żewġ nisa, kif il-frustrazzjonijiet jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra u fuq kollox kemm hu diffiċli li tikseb xi forma ta' bidla meta tgħix fi Stat pulizjesk. Bħal Farah, Hayet ikollha storja ta' reżistenza iżda b'differenza ta' bintha, hija tirrikonoxxi li t-tentattivi għat-tibdil tal-ordni stabbilit jinvolvu prezz qares ħafna f'pajjiż bħat-Tuneżija ta' Ben Ali. Ir-rotta tagħha, li maż-żmien wasslitha li tkun mara moderna u fl-istess ħin rassenjata, jevoka tajjeb l-impass li għalih tasal biex twettaq kwalunkwe azzjoni sovversiva f'kuntest repressiv ta' din ix-xorta. Fir-rigward ta' Farah, li hawnhekk tirrappreżenta l-enerġija vitali taż-żgħażagħ li jfittxu l-libertà, id-destin tagħha diġà kien imsawwar permezz tal-passat ta' ommha.

Mil-lat ċinematografiku, it-tensjonijiet kollha li jinqalgħu bejn iż-żewġ nisa minħabba l-klima oppressiva li r-reġim joħloq għas-soċjetà kollha, joħorġu b'qawwa partikolari f'daqqiet emozzjonali ħafna. Din l-enfasi fuq il-mumenti ta' intensità drammatika kbira tippermetti li toħroġ fid-deher l-indeċiżjoni ta' omm maqbuda bejn l-imħabba lejn bintha, l-istint li tipproteġiha u l-ideali tagħha ta' meta kienet għadha żagħżugħa.

## INTERVISTA MA' LEYLA BOUZID (ESTRATTI MINN STQARRIJIET GĦALL-ISTAMPA)

***Inti titkellem dwar il-biżgħat fil-konfront tas-sistema tal-pulizija iżda teżisti wkoll theddida terroristika għat-Tuneżija. Madankollu, ir-reliġjon titħalla kompletament barra mill-film.***

Il-film jiffoka fuq żgħażagħ mimlija enerġija, li huma attivi, li jridu joħolqu l-mużika tagħhom, kunċerti, jgħixu l-arti tagħhom. Ir-reliġjon mhix iċ-ċentru ta' ħajjithom. Din hi l-ġenerazzjoni ta' żgħażagħ enerġetiċi u kreattivi li xtaqt nuri. Żgħażagħ li kuljum jitqabdu biex jissopravivu, u li rarament nitkellmu dwarhom. L-uniċi li għandhom dritt li jitkellmu fil-midja huma dawk li jaqgħu fl-estremiżmu u l-vjolenza. Nemmen li huwa importanti li ngħid li teżisti ġenerazzjoni ta' żgħażagħ li jridu jgħixu, li ntihom vuċi permezz ta' Farah, li nuri li qed jiġu msikkta minn terrur li joriġina mis-sistema. Jeżistu forom oħra ta' terrur apparti t-terroriżmu. Farah tfittex li tgħix bħala individwu, li ssemma' leħinha.

***Nitkellmu dwar "il-poplu Tuneżin", "aħna", "in-Nazzjon"... iżda l-"jien" fejn hu postu? Xi prezz iħallas l-individwu liberu fit-Tuneżija? Inti kellek tħallsu dan il-prezz?***

Il-film jagħmel il-mistoqsija: Kif tista', fit-Tuneżija, teħles mill-familja, mis-soċjetà u mis-sistema? L-enerġija li dan jirrikjedi, ir-reżistenzi li dan iqajjem u l-vjolenza li dan jista' joħloq. Insegwu l-ħajja ta' Farah għatxana li tgħix. Hi tgħix fil-veru sens tal-kelma, tmur kontra kulħadd u minħabba f'hekk hija tiġi kkastigata, imxejna.

Nemmen li fit-Tuneżija kollha nħallsu prezz, kemm jekk int artist u kemm jekk m'intix. U dan, f'xi ħin jew ieħor tal-mogħdija tal-ħajja, fil-livell intimu, tal-familja, soċjali, tal-iskola. Fis-soċjetà Tuneżija, jew tagħmel kompromessi jew taħbat f'ħafna ostakoli.

L-istorja mhijiex awtobijografika għalkemm ċerti sitwazzjonijiet għixthom: dik li tiskopri li ħabib qrib tiegħek, li kien jattendi l-klabb ċinematografiku li kont nattendi jien, kien informatur tal-pulizija. Persuna li kienet preżenti biex tissorveljana, biex tindiehes magħna. Dan kien xokk qawwi ħafna, u rrealizzajt f'dak il-waqt kemm konna ċirkondati u li ma stajna navdaw xejn u lil ħadd.

***Int tiġbed sekwenzi fil-kwartieri ħżiena ta' Tuneż, il-ħajja ta' billejl b'mod partikolari, il-bars, il-ferroviji, postijiet maskili ħafna, inti tidħol hemm bl-għajnejn ta' mara... Imbagħad tmur fl-intern tal-pajjiż, speċjalment fil-baċir tal-minjieri, fejn ix-xeni tat-trab jikkuntrastaw mal-ambjent urban movimentat.***

Hemm fruntiera li tifred dawn il-postijiet, u jien inħoss il-ħtieġa li nkisser din il-fruntiera u l-possibilità li nagħmel dan.

Konkretament, waqt il-ġbid tal-film, hija x-xena fejn Hayet tidħol fil-bar li kienet l-iżjed waħda delikata. L-"extras" kienu klijenti veri ta' bar b'fama ħażina. Kull darba li kellna nerġgħu niġbdu x-xena, l-attriċi kellha terġa' tidħol fil-bar u kull darba dan kien sfida. L-irġiel, minkejja li kienu "extras", kienu qed iħarsulha b'mod insistenti, kważi oxxen, mingħajr ma tlabnihom jagħmlu dan. Barra minn hekk, in-nisa kollha tat-tim ħassew il-pressjoni li ħoloq dan il-ħars.

Xtaqt niffilmja l-ispazji Tuneżini, bl-atmosfera reali li tirrenja fihom, il-persuni veri li jaħdmu fihom jew jiffrekwentawhom, b'mod reali. Il-ferrovija tal-kwartieri suburbani, il-bars, l-istazzjon tal-karozzi tal-linja, dawn huma ffilmjati b'mod dokumentarju.

Kien jinvolvi li ninserixxu l-parti narrativa tal-film f'dawn il-postijiet tant ħajjin, tant popolati tal-belt... Sal-minjieri kollhom trab tal-fosfat, benniena tar-reżistenza fi żmien Ben Ali... Il-ħaddiema hemmhekk kellhom ir-rwol proprju tagħhom.

Fil-film, din ix-xena toħloq qasma, tippermetti li jittieħed pass lura fir-rigward tal-passat, xi tip ta' zoom lura bl-għan li titfassal mappa tal-pajjiż. Niftakru li l-kliem tal-kanzunetti ġej mill-bogħod, li l-impressjoni li wieħed qed jifga hi profonda, moħbija taħt diversi saffi soċjali. Huwa f'ġieħ dawn il-ħaddiema (li għadhom s'issa f'kunflitt ma' dawk li għandhom il-poter), li ngħidu li kienet primarjament ir-reżistenza tagħhom li ħejjiet lill-pajjiż biex iqum. Din kienet diġà bdiet fl-2008, ħafna qabel l-azzjoni ta' Bouazizi, li sar famuż.

***Fil-film, il-mużika hija forma ta' reżistenza. Din inkitbet minn Khyam Allami, li hu Iraqi.***

Il-mużika u ż-żfin huma forom ta' żvog li dejjem eżistew fil-kultura popolari Tuneżina. Il-"Mézoued", mużika tradizzjonali, iż-żifniet, il-festi fit-tiġijiet, huma tassew spettaklu ta' intensità u ta' żvog għan-nies. Illum għandna l-iżvilupp ta' xena ta' mużika rap Tuneżina, ambjentata fil-kwartieri l-foqra. Hija tassew rifuġju għal uħud, u reżistenza qawwija li jirnexxilha tilħaq għadd kbir ta' nies. L-Istat evidentement jibża' minn dawn ir-rappers dissidenti, u jiġġildilhom u jarrestahom minħabba l-kliem tad-diski tagħhom.

Il-mużika kienet l-isfida l-kbira ta' dan il-film. Mhux biss li nsibu attriċi li tkanta iżda li ngħaqqdu grupp, nikkomponu l-mużika, niktbu d-diski. Xi drabi ħsibt li dan kien se jkun impossibbli. Iltqajt ma' ħafna mużiċisti, iżda ma rnexxilniex niftiehmu.

Imbagħad darba b'kumbinazzjoni, mort kunċert f'Pariġi u skoprejt grupp li l-mużika tagħhom qanqlitni: Alif Ensemble. Khyam kien wieħed mill-ħames mużiċisti, li ġejjin minn diversi pajjiżi Għarab... Huwa kkompona l-kanzunetti għal leħen Baya, u ġiegħlha tipprattikahom għal ġimgħat sħaħ, qabel ma beda l-ġbid tal-film. Dan għenhom isir jafu lil xulxin. Dħalna għalkollox fil-mużika.









**PUNTI TA' RIFLESSJONI**

X'nistgħu ngħidu dwar il-post u l-funzjoni tal-arti fis-soċjetà?

les grignoux

## 10 SNIN TA' ĊINEMA EWROPEA GĦALL-EWROPEJ

Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għall-PREMJU LUX 2016:

**À PEINE J'OUVRE LES YEUX** ***(Hekk kif niftaħ għajnejja),*** film ta' Leyla Bouzid
Franza, it-Tuneżija, il-Belġju, l-Emirati Għarab Magħquda

**MA VIE DE COURGETTE** ***(Ħajti bħala Zukkini)***, film ta' Claude Barras
l-Iżvizzera, Franza

**TONI ERDMANN**, film ta' Maren Ade
il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Rumanija

Dawn l-istejjer multidimensjonali, il-frott tad-dedikazzjoni u tal-kreattività bla qies ta' reġisti żgħażagħ Ewropej b'ħafna talent, se jintwerew waqt il-ħames edizzjoni tal-JIEM TAL-FILMS LUX.

## IL-PREMJU LUX

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna.

B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-PREMJU LUX fl-2007 bl-għan li jtejjeb id-distribuzzjoni tal-films Ewropej fl-Ewropa u jqajjem dibattiti u diskussjonijiet fl-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà.

Il-PREMJU LUX hu inizjattiva unika. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż tal-oriġini u rarament jiġu distribwiti bnadi oħra, anke fi ħdan l-UE, il-PREMJU LUX joffri opportunità rari li tliet films Ewropej jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rebbieħ tal-PREMJU LUX se jintgħażel mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar nhar it-23 ta' Novembru 2016.

## IL-JIEM TAL-FILMS LUX

Il-PREMJU LUX ta lok ukoll għall-JIEM TAL-FILMS LUX. Mill-2012, it-tliet films li jkunu qed jikkompetu għall-PREMJU LUX jiġu ppreżentati lil pubbliku Ewropew usa' fil-JIEM TAL-FILMS LUX.

Il-JIEM TAL-FILMS LUX huma stedina għal esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Bejn Ottubru u Diċembru 2016 tista' tingħaqad ma' dilettanti taċ-ċinema mill-Ewropea kollha u tassisti għall-wiri ta' *Hekk kif niftaħ għajnejja, Ħajti bħala Zukkini* u *Toni Erdmann* f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna luxprize.eu jew fil-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-PUBBLIKU

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku hija l-premju tal-għażla tal-poplu tal-PREMJU LUX. Tinsiex tivvota għal *Hekk kif niftaħ għajnejja, Ħajti bħala Zukkini u Toni Erdmann*! Jaf ikollok l-opportunità li tintgħażel biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali Karlovy Vary f'Lulju 2017 — fuq stedina tal-Parlament Ewropew — u tħabbar il-film rebbieħ tar-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku.

ARA,
IDDIBATTI
U VVOTA

@luxprize
#luxprize

LUX
PRIZE
.EU

QA-04-16-592-MT-N



**REĠISTA***:* Leyla Bouzid

**XENEĠĠATURA***:* Leyla Bouzid, Marie-Sophie Chambon

**ATTURI***:* Baya Medhaffer, Ghalia Benali, Montassar Ayari, Lassaad Jamoussi, Aymen Omrani

**DIRETTUR TAL-FOTOGRAFIJA***:* Sébastien Goepfert

**MUŻIKA***:* Khyam Allami

**PRODUTTURI**: Sandra da Fonseca, Imed Marzouk

**PRODUZZJONI:** Blue Monday Productions, Propaganda Production

**KOPRODUZZJONI:** Hélicotronic

**SENA**: 2015

**TUL**: 102′

**ĠENERU**: Rumanz

**PAJJIŻI**: Franza, it-Tuneżija, il-Belġju, l-Emirati Għarab Magħquda

**VERŻJONI ORIĠINALI**: l-Għarbi

